

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1753**tat-30 ta' Settembru 2015****dwar il-konferma tal-parteċipazzjoni tal-Italja fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien tal-protezzjoni tal-privattiva unitarja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 328(1) u 331(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/167/UE tal-10 ta' Marzu 2011 li tawtorizza l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat in-notifika mill-Italja tal-intenzjoni tagħha li tipparteċipa fil-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Marzu 2011, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza kooperazzjoni msaħħa bejn l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Iżvezja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, ir-Renju Unit u l-Ungerija fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja.
- (2) Fis-17 ta' Diċembru 2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 1257/2012 ⁽²⁾.
- (3) Fis-17 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 1260/2012 ⁽³⁾.
- (4) L-Italja nnotifikat l-intenzjoni tagħha li tipparteċipa f'kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja b'ittra datata t-2 ta' Lulju 2015, li l-Kummissjoni rreġistrat li rċevietha fl-20 ta' Lulju 2015.
- (5) Il-Kummissjoni tinnota li la d-Deċiżjoni 2011/167/UE u lanqas ir-Regolamenti (UE) Nru 1257/2012 u (UE) Nru 1260/2012 ma jippreskrivu ebda kundizzjoni partikolari tal-parteċipazzjoni f'kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja u li l-parteċipazzjoni tal-Italja għandha ssaħħaħ il-benefiċċji ta' din il-kooperazzjoni msaħħa.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Parteċipazzjoni tal-Italja f'kooperazzjoni msaħħa**

1. Il-parteċipazzjoni tal-Italja f'kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja awtorizzata bid-Deċiżjoni 2011/167/UE, hija kkonfermata.
2. Ir-Regolamenti (UE) Nru 1257/2012 u (UE) Nru 1260/2012 għandu japplika għall-Italja skont din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2***Notifika li trid tingħata mill-Italja**

1. L-Italja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2012 sad-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament:

⁽¹⁾ ĠUL 76, 22.3.2011, p. 53.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja (ĠUL 361, 31.12.2012, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1260/2012 tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni (ĠUL 361, 31.12.2012, p. 89).

2. L-Italja għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2012 sad-data ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament jew fil-każ fejn il-Qorti Unifikata tal-Privattivi ma jkollhiex ġurisdizzjoni esklussiva fl-Italja fir-rigward tal-privattivi Ewropej b'effett unitarju fid-data ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, sad-data li minnha l-Qorti Unifikata tal-Privattivi jkollha tali ġurisdizzjoni esklussiva fl-Italja.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1257/2012 u (UE) Nru 1260/2012 fl-Italja

1. Ir-Regolamenti (UE) Nru 1257/2012 u (UE) Nru 1260/2012 jidħlu fis-seħħ fl-Italja fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Ir-Regolamenti (UE) Nru 1257/2012 u (UE) Nru 1260/2012 għandhom japplikaw għall-Italja fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar Qorti Unifikata tal-Privattivi

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
